# ŻEWĠ WARDIET

Ta' Pawlu Aquilina

Liż-żewġ ħbiebi ta' tfuliti: Nicola Farrugia u Franky Balzan, li dbielu fl-aħjar ta' żgħożithom.

Bħal żewġ wardiet
Li ħarġu minn ġuf Mejju
Jiżżeffnu u jgħannu l-għanja tar-rebbiegħa,
Jiddu fil-bewsa
Ftit sħuna, 'mma fietla
Tax-xemx fid-dija.

Bħal żewġ wardiet
Li fetħu filgħodu
U dbielu
Sa mietu
Fl-għaxija......
Biss darba f'ħajjithom
Ġe' qalbhom il-għanja tan-naħal
U f'wiċċhom id-dija.
Qatt iżjed ma żżeffnu
Qatt iżjed m' għannewha
Il-għanja tal-ħajja
Tal-ward u tal-friefet,
Tas-sema kaħlani bla tbajja'!

Għax kiefra, ħasdithom
Ix-xafra tal-minġel bla ħniena
U dbielu
Bla kielu
Mill-frotta
Li twarrad il-ħajja.

Bla ħniena
Sa snienha
Ħasdithom,
Serqithom,
Difnithom
Fil-kesħa ta' l-art,

Fejn l-anqas fil-ħdura ta' fuqhom
Ma jiżfen
Jew jikber il-ward!

Għiduli,
Ja ħbieb ta' tfuliti,
Għiduli,
X'firidkom mill-ħajja;
Mill-ilma li safi kien nieżel
U jgelgel mit-tlajja';
Fejn intom u jiena
Bħal warda sabiħa
Irżina u żeffiena,
Imlejna sidirna b'dak l-ilma
Li jserrep fil-ħdura
Bħal fidda fid-dija?

Min seraq lil qalbkom
Mill-ġonna sabiħa
Ta' friefet u għasafar
Ta' benna li tfarfar
Mis-siġar mimlija biż-żahar?
Għiduli, (bħal karba
Dan talbi ta' dwejjaq)
Għiduli, ja ħbiebi ta' darba?

Rajtuni x'ħin ġejt infittixkom
Fil-għamad u r-reżħa tal-lejl?
X'ħin wiċċi fid-dalma
Iddallam u ntefa ġe' qalbi
Kull ħsieb, li daħkana
Se nsibkom tilqgħuni u ferħana?
Ħassejtu dak leħni ta' talbi
Maħnuq qalb il-biki ta' qalbi?
Fis-sikta,
Fil-beraħ,
Fejn kontu tistrieħu
Smajtuhom riġlejja
Ġejjin għal fejn raskom?
Rajtuhom għajnejja

Idemmgħu? Ħassejtu xuftejja
Jingħaqdu mal-ġebla ta' fuqkom
U jfaqqgħu bejniethom il-bewsa
Ta' mħabbti f'imħabbitkom?

Rajtuni!
Jien naf li fis-sikta tal-lejl
Stennejtuni!
Smajtuni!
Għax smajtu leħinkom
Mill-ġebla ta' taħti jweġibni.

Ah! ħbieb ta' tfuliti,
Ħabbejtkom!
Inħobbukom!
Naħilfu!
Għax qalbkom ġe' qalbi
Mill-ħajja għadha terda';
Bħal warda li nqatgħet mis-siġra
'Mma tixrob ħajjitha
Mill-vaska ta' l-ilma
Fejn waqgħet,
Fejn tibqa',
Itfewwaħ
U tgħanni
U tidħak!